**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 19 ta' Novembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 221/2020 AF**

**Enemalta p.l.c. (C-65836)**

**vs**

**Streamcast Limited (C-82727)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-socjetà rikorrenti Enemalta plc, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà intimata kienet qeghda tuza *one (1) chamber of the underground facility below the Marsa Power Station, known as ex-A-Station* (is-"Sit") bhala *Data Centre*.

Is-socjetà intimata kienet talbet provvista ta' *1000 AMP's Low Voltage Supply* minhabba l-bzonnijiet ta' konsum tad-dawl fis-Sit u dan talbitu minghand is-socjetà Enemalta.

Is-socjetà Enemalta kienet ghamlet ix-xogholijiet necessarji biex is-socjetà intimata tkun tista' tuza dan il-volum ta' dawl u fil-fatt ix-xogholijiet swew l-ammont ta' mija tlieta u ghoxrin elf tmien mija u sbatax-il Ewro (EUR 123,817.00) (ara anness mar-rikors guramentat u mmarkat bhala "Dokument E17"). Dawn ix-xogholijiet saru ghal habta ta' April 2018.

Minkejja l-fatt li ntbaghtet fattura w intbaghtu intimazzjonijiet ghall-hlas ta' dawn ix-xogholijiet, is-socjetà intimata naqqset milli thallas u ilha hekk moruza mis-6 ta' April 2018.

In oltre s-socjetà intimata ghandha kont f'isimha ghall-konsum tad-dawl bin-numru 411000144440 fir-rigward tas-Sit in kwistjoni.

Fix-xhur li s-socjetà intimata uzat s-Sit bhala *Data Centre* gie kkonsumat ammont sinifikanti ta' dawl.

Is-socjetà intimata, minkejja xi hlasijiet li hija ghamlet, naqqset li thallas l-ammonti dovuti li jammontaw ghal erbgha u tletin elf u mitejn u tletin Ewro u erbghin centezmu (EUR 34,230.40) u dan bi ksur tal-obbligi kuntrattwali u legali taghha li ghandha mas-socjetà Enemalta.

Tajjeb li jigi rrilevat li l-provvista tad-dawl ghas-Sit taht dan il-kont ila sospiza minn madwar Novembru 2019.

Is-socjetà Enemalta permezz ta' ittra ufficcjali datata 11 ta' Frar 2020 u bin-numru ta' referenza 466/2020 resqet formalment l-inadempjenzi tas-socjetà intimata. Biss però dik l-ittra ufficcjali qatt ma giet notifikata fuq is-socjetà intimata u minkejja li ntbaghtet f'tliet indirizzi hawn Malta. Dan ghas-segwenti ragunijiet:

a. Fl-indirizz ufficcjali tas-socjetà intimata gie indikat li d-ditta li toffri dan is-servizz ma ghandhiex tirraprezenta lill-istess.

b. Fl-indirizzi l-ohra ta' Harshawardhan Hanmant Sabale, l-uniku direttur tas-socjetà intimata, hadd ma fetah.

Fl-istess gurnata l-avukati sottoskritti baghtu kopja tal-ittra ufficcjali, inkluz b'traduzzjoni bil-lingwa Ingliza, Harshawardhan Hanmant Sabale (l-uniku azzjonist u direttur tas-socjetà intimate) u dan fuq l-email address tieghu hs@scst.tech li ghadu funzjonanti sal-lum il-gurnata.

Minkejja dawn l-intimazzjonijiet is-socjetà intimata baqghet inadempjenti fl-obbligi taghha lejn is-socjetà Enemalta kif gie deskritt aktar 'il fuq.

Intalbet din il-Qorti sabiex tiddikjara illi:

1. L-ammonti dovuti ghax-xogholijiet necessarji li ghamlet is-socjetà rikorrenti biex is-socjetà intimata tkun tista' tuza certu volum ta' dawl li jammontaw ghal mija u tlieta u ghoxrin elf u tmien mija u sbatax-il Ewro (EUR 123,817.00); u

2. L-ammonti dovuti ghall-konsum tad-dawl li jammontaw ghal erbgha u tletin elf u mitejn u tletin Ewro u erbghin centezmu (EUR 34,230.40), u

Konsegwentement tghaddi biex tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas l-istess lis-socjetà rikorrenti; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali datata 11 ta' Frar 2020 u bl-imghaxijiet legali dovuti skond il-ligi kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, s-socjetà Streamcast Limited, minkejja li saret lilha d-debita notifika, baqghet ma wiegbitx ghall-kawza.

Semghet xhieda viva voce.

Rat li, minkejja li nghatat il-fakultà li tressaq sottomissjonijiet bil-miktub, is-socjetà intimata baqghet ma ressqet ebda sottomissjoni.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati illi l-kontumacja ma titqiesx mill-Qorti bhala ammissjoni tat-talba u jibqa' dejjem jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi t-talba tieghu hija fondata.

Fil-kaz in ezami dan l-oneru jinsab sodisfatt kemm permezz ta' dokumentazzjoni esibita kif ukoll tax-xhieda prodotti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tiddikjara illi:

1. L-ammonti dovuti ghax-xogholijiet necessarji li ghamlet is-socjetà rikorrenti biex is-socjetà intimata tkun tista' tuza certu volum ta' dawl jammontaw ghal mija u tlieta u ghoxrin elf u tmien mija u sbatax-il Ewro (EUR 123,817.00);

2. L-ammonti dovuti ghall-konsum tad-dawl jammontaw ghal erbgha u tletin elf u mitejn u tletin Ewro u erbghin centezmu (EUR 34,230.40).

Il-Qorti tikkundanna lil Streamcast Limited thallas lil Enemalta p.l.c. is-somma komplessiva ta' mija u tmienja u hamsin elf u seba' u erbghin Ewro u erbghin centemzu (EUR 158,047.40), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Streamcast Limited.

IMHALLEF

DEP/REG